2026/1711

14.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1711

tat-13 ta' Lulju 2026

li tniedi l-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2026/894

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/894 [1] tal-21 ta' April 2026 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia),

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/894.

(2) Fis-17 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-Pjan Operazzjonali għall-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) jenħtieġ li jiġi approvat.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ta' EUPM Armenia u l-kisba tal-kapaċità operazzjonali inizjali, EUPM Armenia jenħtieġ li titnieda fit-13 ta' Lulju 2026.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/894 tistabbilixxi ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUPM Armenia għall-ewwel erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni. Dak l-ammont ta' referenza jenħtieġ li jiġi rivedut biex ikopri t-tul tal-mandat ta' EUPM Armenia, jiġifieri sat-12 ta' Lulju 2028. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2026/894 tiġi emendata skont dan.

(5) EUPM Armenia ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pjan Operazzjonali għall-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

EUPM Armenia għandha titnieda fit-13 ta' Lulju 2026.

Artikolu 3

Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ta' EUPM Armenia huwa b'dan awtorizzat b'effett immedjat biex jagħti bidu għall-eżekuzzjoni ta' EUPM Armenia.

Artikolu 4

Fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/894, il-paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUPM Armenia għall-perjodu mill-21 ta' April 2026 sat-12 ta' Lulju 2028 għandu jkun ta' EUR 14 947 077,57. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perjodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.".

[1] ĠU L, 2026/894, 22.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/894/oj.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS